VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,666, 21 ta' Ottubru, 2016
Taqsima B

A.L. 345 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-Università dwar Kompetenza għall-Prattika, 2016

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-Università dwar Kompetenza għall-Prattika, 2016.

(2) F'dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor, it-termini wżati għandhom ifissru kif mniżżel hawn taħt, u l-plural tagħhom għandu jinftiehem bl-istess mod:

"l-Applikant" tfisser kwalunkwe persuna li tapplika biex tkun irreġistrata f'Kors;

"l-Awtorità Kompetenti" tfisser il-bord, il-kunsill jew kwalunkwe entità stabbilità bil-liġi bħala l-awtorità fir-regward ta' Professjoni Regolata partikolari;

"id-Dekan" tfisser id-Dekan ta' fakultà jew id-Direttur ta' istitut, ċentru jew skola tal-Università;

"il-Fakultà" tfisser kwalunkwe fakultà, istitut, ċentru jew skola tal-Università;

"il-*Home Faculty*" tfisser il-fakultà, l-istitut, iċ-ċentru jew l-iskola tal-Università li toffri l-Kors fejn l-Istudent huwa reġistrat;

"l-Ilment" tfisser l-ilment rigward l-involviment jew l-azzjonijiet ta' Student f'okkorrenza, kif spjegat fir-regolament 6, li *prima facie* juri, nuqqas ta' adagwatezza għall-prattika min-naħa tal-Istudent;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"l-Istudent" tfisser l-istudent li jirreġistra għal Kors offrut mill-Università;

"il-Kors" tfisser kwalunkwe programm li jikkonsisti f'edukazzjoni, taħriġ jew riċerka u għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jinftiehem li qed jirreferi għal dak il-Kors li jwassal għall-kwalifika meħtieġa bil-liġi għall-iskop li jingħata *warrant*, liċenzja jew reġistrazzjoni għall-prattika ta' Professjoni Regolata;

"il-Livelli" għandhom jinkludu il-livelli, linji gwida, regoli, kodiċi ta' kondotta jew imġiba jew kwalunkwe dokument simili, kif ġej:

(a) kif jista' jkun applikabbli speċifikament għal Studenti li qegħdin isegwu edukazzjoni li tista' twassal għal Professjoni Regolata, kif adottata u implimentata mill-Awtorità Kompetenti rispettiva;

(b) kif adottata u implimentata mill-Università jew minn Fakultà fir-rigward ta' Kors wieħed jew aktar;

"il-Panil" tfisser il-Panil ta' Kompetenza għall-Prattika stabbilit skont ir-regolament 8;

"il-Placement" tfisser kwalunkwe perijodu ta' taħriġ jew *Placement* ta' xogħol imwettqa mill-Istudent, kemm jekk parti minn Kors jew le, u kemm jekk bi ħlas jew le;

"il-Professjoni" tfisser "il-Professjoni Regolata" kif definita f'dan ir-regolament;

"il-Professjoni Regolata" tfisser kwalunkwe professjoni li għaliha persuna tkun meħtieġa bil-liġi li tikseb *warrant*, liċenzja jew reġistrazzjoni għall-prattika, kif jista' jkun stipulat fi kwalunkwe att jew leġiżlazzjoni sussidjarja ippromulgata bħala parti mill-Liġi ta' Malta;

"il-Professjonist" tfisser membru ta' Professjoni Regolata li għandu *warrant*, liċenzja jew membru reġistrat;

"is-Sospensjoni" tfisser l-esklużjoni temporanja u normalment l-esklużjoni totali ta' Student minn kwalunkwe attività ta' tagħlim offruta mill-Università. Matul il-perijodu ta' Sospensjoni, Student m'għandux jitħalla jirreġistra għal, jew jibqa' reġistrat fuq, kwalunkwe taqsimiet studju;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"it-Tkeċċija" tfisser it-tneħħija permanenti ta' isem Student mir-reġistru tal-studenti tal-Università u projbizzjoni mill-faċilitajiet u privileġġi kollha mogħtija lill-Istudenti. Minkejja dan, Student li kien imkeċċi jista' jerġa' jidħol biss bil-permess tas-Senat għal dan il-għan, liema permess jista' jingħata biss wara li jkunu għaddew tliet snin mid-data tat-tkeċċija; u

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2016 'il quddiem.

L-Għan

3. L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jiġu stabbiliti r-responsabbilitajiet tal-Istudenti li qegħdin isegwu Kors fl-Università li jwassal għall-kwalifika meħtieġa bil-liġi għall-iskop li jinkiseb *warrant*, liċenzja jew reġistrazzjoni għall-prattika ta' Professjoni Regolata, skont il-kompetenza professjonali għall-prattika ta' dawn l-Istudenti u l-impenn tagħhom għall-professjoni li huma jagħżlu matul il-parteċipazzjoni fil-Kors, kif ukoll il-proċeduri li l-Università trid issegwi fir-rigward ta' dawn l-Istudenti.

L-Ambitu

4. (1) Ir-responsabbilitajiet tal-Istudenti fir-rigward ta' kompetenza għall-prattika għandhom ambitu u applikazzjoni usa mill-aspett purament akkademiku ta' Kors. Dawn jinkludu l-imġiba kollha inkluża dik barra l-ambjent akkademiku jew barra l-ambjent tal-*Placement* li tista' tirriffletti ħażin fuq il-Professjoni jew fuq l-Università, jekk it-tali imġiba issir fil-bini tal-Università jew x'imkien ieħor.

(2) Kompetenza għall-prattika, fir-rigward ta' xogħol professjonali, tinkludi kwalitatijiet bħal onestà, integrità, reżiljenza, paċenzja u l-abbiltà li tgħin lin-nies jiffaċċjaw sitwazzjonijiet diffiċili. Evidenza ta' ħsieb ċar, ħiliet professjonali (inkluż ħiliet kliniċi u tekniċi), ġudizzju sod, sensittività u tolleranza huma meħtieġa, flimkien mal-kapaċità biex tistabbilixxi u żżomm limiti personali u professjonali xierqa. Dan jeħtieġ ħiliet inter-personali u ta' komunikazzjoni tajba kif ukoll kapaċità fiżika u mentali sabiex iwettqu r-rwol b'mod xieraq.

(3) Xi kultant, l-Istudenti jistgħu jkunu suġġett ta' tħassib dwar il-kompetenza għall-prattika fir-rigward tal-Professjoni li huma jixtiequ jeżerċitaw. Irid ikun ċar għall-partijiet kollha (inkluż għall-Istudenti, għall-membri akkademiċi, għas-superviżuri u għall-*mentors* tal-*Placement* u għall-eżaminaturi tal-*Placement*)

VERŻJONI ELETTRONIKA

liema tip ta' tħassib jew informazzjoni se jirriżultaw f'proċedimenti mill-Università, skont dawn ir-regolamenti, kif dawn il-proċedimenti se jitwettqu u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi.

(4) Fir-rigward ta' Korsijiet kif definit fir-regolament 1, għandu japplika dan li ġej:

(a) l-Università, filwaqt li l-ewwel u qabel kollox għandha tipproteġi l-ġid u l-benesseri tal-Istudenti u ta' partijiet terzi oħra (inkluż pażjenti taħt il-kura tal-Istudenti), għandha tqis ukoll il-kompetenza tal-Istudenti biex jipprattikaw il-Professjoni li jixtiequ jsegwu;

(b) l-Università għandha tiżgura li dawk il-persuni li juru li x'aktarx huma addattati għall-prattika biss għandhom jitħallew isegwu u jiggradwaw minn Kors partikolari, billi żżomm f'moħħha l-benesseri tal-klijenti potenzjali ta' dawn il-persuni matul il-kors tagħhom u ladarba jsiru Professjonisti bil-*warrant*, liċenzjati jew reġistrati, ir-reputazzjoni tal-Università u r-reputazzjoni tal-Professjoni rispettiva;

(ċ) l-Istudenti rreġistrati f'dawn il-Korsijiet huma responsabbli li jġibu ruħhom sew billi jżommu mal-Livelli applikabbli, ħalli b'hekk juru l-kompetenza tagħhom biex jipprattikaw il-Professjoni li jixtiequ jsegwu;

(d) kull Fakultà hija responsabbli li tippubblika dawn il-Livelli kif jistgħu jkunu applikabbli għall-Istudenti reġistrati f'Kors partikolari b'tali mod li l-Istudenti jkunu jafu b'dawn il-Livelli.

(5) Il-proċeduri ta' kompetenza professjonali għall-prattika kif stabbiliti b'dawn ir-regolamenti huma distinti mill-proċeduri dixxiplinari tal-Università skont ir-Regolamenti tad-Dixxiplina għall-Istudenti tal-Università, 2016, u mir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università, 2009, li l-applikabbiltà tagħhom tista' twassal għall-impożizzjoni ta' sanzjoni dixxiplinarja. Minkejja dan, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn aktar minn sett wieħed ta' regolamenti tal-Università jista' jiġi utilizzat biex tkun ikkunsidrata l-pożizzjoni tal-Università u l-implikazzjonijiet professjonali tal-imġiba, il-kondotta jew il-kompetenza għall-prattika tal-Istudent.

Il-Kompetenza għall-Prattika

5. (1) Il-parteċipazzjoni tal-Istudenti f'Kors tista' tiġi mitmuma jekk l-imġiba tagħhom titbiegħed mill-Livelli rilevanti jew ikun ikkonfermat li l-imġiba tagħhom qed tkun ta' ħsara jew ta' perikolu għal Studenti oħra, impjegati jew uffiċjali tal-Università, jew għal impjegati jew klijenti fil-post fejn qed issir il-*Placement*, jew jekk din titqies li qed toħloq riskju mhux aċċettabbli għall-Istudenti nfushom u oħrajn, jew jekk din tagħti isem ħażin lir-reputazzjoni tal-Università.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) L-Istudenti huma marbuta bl-Istatuti, Regolamenti, Ordinamenti u mid-direzzjonijiet oħra legali tal-Università u tal-uffiċjali u tal-impjegati tagħha.

In-Nuqqas ta' Kompetenza għall-Prattika

6. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, minkejja s-suġġettività tal-kwistjoni fir-rigward ta Student partikolari, il-Professjoni Regolata partikolari u ċ-ċirkustanza ta' kull każ, din li ġejja għandha titqies bħala lista indikattiva ta' okkorrenzi li jistgħu jiġu kkunsidrati li jfixklu il-kompetenza tal-Istudent li jipprattika skont dawn ir-regolamenti:

(a) imġiba vjolenti, aggressiva jew ta' theddid, kemm jekk fiżika, verbali jew b'mod ieħor;

(b) id-diffikultajiet ta' mġiba jew problemi ta' attitudni;

(ċ) abbuż jew użu ħażin mill-alkoħol, drogi jew sustanzi;

(d) kwalunkwe kundanna kriminali (kemm jekk fir-rigward ta' kriminalità jew kontravenzjoni, kif definiti fil-Kodiċi Kriminali) li ma tkunx żvelata fiż-żmien tal-applikazzjoni u d-dħul fil-Kors, jew li tingħata waqt ir-reġistrazzjoni fil-Kors;

(e) kwalunkwe proċeduri kriminali li għalihom l-Istudent hu suġġett fir-rigward ta' reat allegat (kemm jekk kriminalità jew kontravenzjoni, kif definiti fil-Kodiċi Kriminali) li possibilment jistgħu inaqqsu l-kompetenza għall-prattika fil-Kors magħżul;

(f) allegazzjonijiet ta' mġiba mhux xierqa li ma jkunux aċċettabbli minn Professjonist kwalifikat, inkluż, iżda mhux limitati għal, ħiliet kliniċi u tekniċi mhux xierqa, nuqqas milli joqogħod għad-direzzjoni ta' superviżur li jista' jwassal għal ħsara ta' parti terza (superviżur jinkludi membru akkademiku maħtur mill-Fakultà li jkun responsabbli għall-prattika tal-Istudent), imġiba sesswali mhux xierqa, rimarki oppressivi, *bullying* jew fastidju, jew użu mhux xieraq ta' affarijiet kunfidenzjali;

(g) diżonestà jew nuqqas ta' fiduċja inkluż, iżda mhux limitat għal, frodi u falsifikazzjoni partikolarment ta' dokumenti jew firem, falsifikazzjoni ta' kwalifiki jew ta' esperjenza professjonali, serq, jew għemil ta pretensjonijiet foloz ta' kwalunkwe tip;

(h) diffikultajiet serji fl-immaniġjar ta' talbiet legali mitluba mill-Istudent minn impjegati jew uffiċjali tal-Università;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) assenza jew *sickleave* bla raġuni li thedded l-impjieg kieku l-Istudent ikun f'impjieg;

(j) nuqqas li jżommu livelli għoljin ta' professjonaliżmu fil-komunikazzjonijiet, inkluż l-użu mhux xieraq ta' forom ta' komunikazzjoni elettronika, u inkluż, iżda mhux limitat għal, siti ta' *networking* soċjali.

(2) Minkejja dak li hemm provdut fis-sotto-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, kull tip ta' okkorrenza msemmija fis-sotto-paragrafu (1) għandha titqies biss li qed tfixkel l-kompetenza għall-prattika ta' Student skont dawn ir-regolamenti jekk, fil-fehma tal-Università, huwa probabbli li tista':

(i) toħloq riskju għas-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri tal-Istudent u, jew dak ta' ħaddieħor;

(ii) taffettwa ħażin l-ambjent ta' fejn qed issir il-*Placement* jew ix-xogħol;

(iii) taffettwa ħażin l-operat xieraq tal-Professjoni; jew

(iv) twaqqa l-isem tal-Professjoni jew tal-Università jew tagħti isem ħażin lill-Professjoni jew lill-Università:

(3) Minkejja dak li hemm provdut fis-sotto-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jista' jkun hemm okkorrenzi oħra li mhumiex inklużi fis-sotto-paragrafu (1), li fil-fehma tal- Università, jistgħu jfixxklu l-kompetenza għall-prattika ta' Student skont dawn ir-regolamenti.

Il-Panil ta' Kompetenza għall-Prattika

7. (1) L-Università għandu jkollha Panil ta' Kompetenza għall-Prattika li jkollu l-kompitu li jinvestiga, jiddelibera u li jagħixxi f'isem ir-Rettur fir-rigward tal-Ilmenti magħmula skont dawn ir-regolamenti u riferuti lilu mir-Rettur kif ipprovdut fir-Regolament 8.

(2) Il-Panil għandu jkun magħmul kif ġej:

(a) Pro-Rettur maħtur mir-Rettur bħala *Chairman*;

(b) jew id-Dekan jew id-Deputat Dekan tal-*Home Faculty* tal-Istudent li jkun maħtur mir-Rettur bħala membru, iżda meta d-Dekan jew id-Deputat Dekan, skont kif ikun il-każ, ikun direttament involut fl-okkorrenza relatata mal-allegat tfixkil tal-kompetenza għall-prattika, ir-Rettur għandu jaħtar akkademiku anzjan minfloku mill-Fakultà kkonċernata;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) il-Kap tad-Dipartiment li huwa l-aktar konness direttament mal-Kors tal-Istudent mill-*Home Faculty* tal-Istudent li jkun maħtur mir-Rettur bħala membru, iżda dan l-akkademiku m'għandux ikun b'xi mod involut fl-okkorrenza relatata mal-allegat tfixkil tal-kompetenza għall-prattika;

(d) membru ieħor ikun maħtur mis-Senat minn fost il-membri akkademiċi tal-Università, liema ħatra tkun valida għal perijodu ta' sentejn;

(e) membru wieħed ikun rappreżentant tal-Istudenti maħtur mis-Senat minn fost ir-rappreżentanti tal-istudenti fuq is-Senat, liema ħatra għandha tkun valida għal perijodu ta' sentejn jew sa meta t-terminu bħala membru tas-Senat jiskadi, skont liema jiġi l-ewwel,
iżda meta dan il-membru, kif hekk maħtur, ikun irreġistrat fl-istess Kors bħal dak tal-Istudent li jkun is-suġġett tal-Ilment, ir-Rettur għandu, fir-rigward tal-proċedimenti tal-Panil dwar dan il-każ, jaħtar Student ieħor minn fost ir-rappreżentanti tal-Istudenti fuq is-Senat biex jaġixxi bħala membru; u

(f) ir-Reġistratur għandu jaġixxi bħala Segretarju tal-Panil.

(3) Il-Panil għandu jagħmel ħiltu biex isejjaħ il-laqgħat bl-attendenza tal-membri kollha. Minkejja dan, għandu jkun leġittimu għal-Panil li jagħmel sa laqgħa waħda fl-assenza ta' membru wieħed, dejjem jekk l-isforzi kollha jkunu saru biex il-membri kollha jkunu preżenti waqt il-laqgħa li matulha l-Panil jiffinalizza r-rapport tiegħu li jkun fih ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lir-Rettur.

(4) Meta membru tal-Panil ma jkunx jista', għal kwalunkwe raġuni, ikompli jattendi għal-laqgħat tal-Panil, ir-Rettur għandu jkollu s-setgħa li jaħtar sostitut tiegħu fuq parir bil-miktub miċ-*Chairman*, bil-kundizzjoni li Ilment partikolari għandu dejjem jiġi ttrattat mill-istess membri.

Ir-Rikonsiderazzjoni mill-Panil

8. (1) Il-Panil jista', f'ċirkostanzi speċjali, jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu fir-rigward ta' Student partikolari.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "ċirkostanzi speċjali" tfisser biss dawk iċ-ċirkostanzi fejn evidenza ġdida ssir disponibbli fir-rigward ta' proċedimenti li jikkonċernaw Student partikolari, liema evidenza ma kinitx disponibbli, jew ma setgħatx bl-ebda mod tkun disponibbli, għall-Panil matul il-proċedimenti oriġinali.

(3) Qabel kull rikonsiderazzjoni mill-Panil, il-Panil għandu l-ewwel jiġi inkarigat li jiddetermina jekk dawn il-provi, li ġew ippreżentati lilu bħala evidenza ġdida skont dan ir-regolament, setgħux jew le ġew provduti lilu fil-proċedimenti oriġinali li jikkonċernaw lill-Istudent.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Proċeduri

9. (1) Kwalunkwe persuna tista' tagħmel Ilment lid-Dekan tal-*Home Faculty* ta' Student fil-każ li l-involviment jew l-azzjonijiet ta' Student fi kwalunkwe okkorrenza kif spjegat fir-regolament 6 *prima facie* juru nuqqas ta' kompetenza għall-prattika minn naħa tal-Istudent.

(2) Meta d-Dekan jirċievi Ilment bil-mod deskritt fis-sotto-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, huwa għandu jippreżenta minnufih lir-Rettur , rapport bil-miktub dwar dan l-Ilment, u jehmeż kull evidenza dokumentata li tista' tkun disponibbli għalih. Id-Dekan jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jiġi megħjun għal dan il-għan minn bord *ad hoc* maħtur minnu u magħmul minn mhux aktar minn erba' (4) membri magħżula minn fost l-membri akkademiċi tal-Fakultà,
iżda meta d-Dekan jirċievi l-Ilment dan jista', jekk jidhirlu xieraq, jissospendi lill-Istudent għal perijodu ta' mhux aktar minn sebat (7) ijiem, sakemm ir-Rettur ikun jista' jikkunsidra l-każ fid-dettal.

(3) Id-Dekan jista' wkoll jikteb rapport fuq inizjattiva tiegħu stess, mingħajr il-ħtieġa li dan ikun irċieva xi Ilment fir-rigward ta' Student partikolari, jekk ikun tal-fehma li l-kompetenza għall-prattika ta' Student mhijiex tajba skont dawn ir-regolamenti. F'każ bħal dan, huwa għandu jippreżenta minnufih lir-Rettur, rapport bil-miktub dwar dan l-Istudent, fejn jispjega, fid-dettall, iċ-ċirkostanzi relatati mal-okkorrenza u jehmeż kull evidenza dokumentata li tista' tkun disponibbli għalih. Id-Dekan jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jiġi megħjun għal dan il-għan minn bord *ad hoc* maħtur minnu u magħmul minn mhux aktar minn erba' (4) membri magħżula minn fost l-membri akkademiċi tal-Fakultà,
iżda meta d-Dekan jirċievi l-Ilment dan jista', jekk jidhirlu xieraq, jissospendi lill-Istudent għal perijodu ta' mhux aktar minn sebat (7) ijiem, sakemm ir-Rettur ikun jista' jikkunsidra l-każ fid-dettal.

(4) Wara li jirċievi xi rapport mid-Dekan kif deskritt fis-sotto-paragrafi (2) u (3) ta' dan ir-regolament, ir-Rettur għandu jitlob lill-Panil biex jinvestiga l-Ilment u jħejji l-akkuża skont dawn ir-regolamenti. F'dak il-każ, ir-Rettur jista', jekk jidhirlu xieraq, jissospendi lill-Istudent, sakemm il-Panil jieħu in konsiderazzjoni l-każ f'aktar dettall.

(5) Il-Panil għandu, fi żmien ħamest ijiem (5) ta' xogħol minn meta jirċievi l-Ilment mir-Rettur, jinforma lill-Istudent bl-akkuża permezz ta' ittra mibgħuta fl-indirizz kif provdut lill-Università mill-Istudent, permezz ta' emajl fuq l-indirizz tal-posta elettronika tal-Università tal-Istudent, u bit-telefon, flimkien ma' kopja ta' dawn ir-regolamenti, kif ukoll id-data, il-ħin, u l-post meta l-Istudent għandu jidher quddiem il-Panil biex iwieġeb għall-akkuża.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(6) L-Istudent jista', fi żmien ħamest ijiem (5) ta' xogħol mid-data tal-komunikazzjoni tal-imsemmija akkuża (bl-akkuża tkun diġa' ġiet ikkomunikata permezz ta' ittra, emajl u telefonata), jibgħat dikjarazzjoni bil-miktub biex jammetti jew jikkontesta l-akkuża. L-Istudent għandu jattendi għal-laqgħa u jista' jidentifika x-xhieda biex jinstemgħu mill-Panil.

(7) L-Istudent jista' jkun akkumpanjat fil-proċeduri minn Student jew minn xi ħabib jew membru tal-familja tiegħu, f'liema każ il-Panil għandu jiġi nfurmat b'dan mill-anqas jumejn (2) qabel il-laqgħa. Jekk il-Panil ma jirċievi l-ebda notifika, il-Panil għandu d-dritt li jirrifjuta d-dħul ta' dik il-persuna għal-laqgħa.

(8) Fid-data tal-laqgħa, jew f'dawk il-ġranet l-oħra differiti kif meħtieġ, il-Panil għandu jisma' lill-persuna li oriġinalment kienet għamlet l-Ilment ("il-kwerelant") mad-Dekan, kwalunkwe xhieda indikati mill-kwerelant, persuni oħra li jistgħu jkunu msejħa mill-Panil, l-Istudent ikkonċernat u persuni oħra li jakkumpanjaw lill-Istudent. Il-Panil għandu wkoll jikkunsidra xi dokumenti li jistgħu jiġu riferuti lilu sakemm il-proċedimenti jiġu konklużi.

(9) Il-Panil għandu, kemm jista' jkun malajr, iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-aħħar laqgħa, jippreżenta rapport dwar dak li sab lir-Rettur fejn jirrakkomandalu x'miżuri dixxiplinari jew oħrajn li jistgħu jittieħdu skont dawn ir-regolamenti.

(10) Ir-Rettur għandu jinnotifika lill-Istudent bil-miktub dwar il-miżuri dixxiplinari jew oħrajn li se jittieħdu fir-rigward tiegħu malajr kemm jista' jkun, iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħamest ijiem (5) ta' xogħol mid-data minn meta r-Rettur irċieva r-rapport skont is-sotto-paragrafu (9) ta' dan ir-regolament,
iżda meta r-Rettur jirreferi r-rapport tal-Panil lis-Senat bil-mod provdut fir-regolament 13, il-perijodu ta' żmien speċifikat f'dan is-sotto-paragrafu għandu jittieħed li jfisser ħamest ijiem (5) ta' xogħol mid-data li fiha s-Senat jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lir-Rettur.

Il-Miżuri Dixxiplinarji u Oħrajn

10. Il-miżuri li jistgħu jiġu rrakkomandati mill-Panil lir-Rettur għandhom jinkludu waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin:

(a) twiddiba bil-miktub;

(b) twissija bil-miktub;

(ċ) l-impożizzjoni ta' programm ta' "*follow-up"* li għandhu jiġi implimentat taħt is-sorveljanza ta' *mentor* maħtur għal dan il-għan mill-Università fuq ir-

VERŻJONI ELETTRONIKA

rakkomandazzjoni tal-*Home Faculty*, bl-iskop li jiżgura li kull okkorrenza li wasslu għall-Ilment kontra l-Istudent ma tkunx ripetuta, jew bl-iskop li jiġu indirizzati u solvuti l-problemi bażiċi jew ripetittivi, id-drawwiet, l-imġiba, l-attitudni jew affarijiet simili tal-Istudent,
iżda l-Istudent għandu jkun lest ukoll, fil-ħin tiegħu u għas-spejjeż tiegħu, li jfittex l-għajnuna ta' professjonisti kkwalifikati barra mill-Università kif jista' jkun meħtieġ, sabiex jiġu indirizzati l-imsemmija problemi, drawwiet, imġiba, attitudni jew kwistjonijiet simili li jista' jkollu,
iżda wkoll il-*mentor* maħtur mill-Università kif kontemplat f'dan il-paragrafu għandhu jkun responsabbli għas-superviżjoni tal-Istudent u li jiltaqa' mall-Istudent fuq bażi regolari għat-tul tal-programm ta' "*follow-up*", u li jirrapporta lura lir-Rettur kultant żmien dwar il-progress tal-Istudent. Jekk ir-rapport tal-*mentor* dwar l-Istudent ikun wieħed negattiv, ir-Rettur għandu jirreferi lill-Istudent għal darb'oħra għand il-Panil bil-mod deskritt fir-regolament 9, għall-konsiderazzjoni ulterjuri tiegħu u għal kwalunkwe rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe miżuri dixxiplinarji jew oħra possibbli li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-Istudent;

(d) Sospensjoni għal perijodu speċifikat kif indikat mir-Rettur;

(e) Tkeċċija mill-Università.

Il-Kontrolli Perjodiċi

11. (1) Minbarra r-rekwiżiti tal-Università biex jitwettqu dawk il-kontrolli kif jista' jkun meħtieġ fir-rigward tal-applikanti meta jidħlu skont ir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università, 2016, fil-każ ta' Studenti li jaqgħu fi ħdan il-parametri ta' dawn ir-regolamenti, il-kontrolli li ġejjin għandhom isiru wkoll wara t-tmiem tat-tieni semestru ta' kull sena akkademika partikolari u qabel il-bidu tal-ewwel semestru tas-sena akkademika sussegwenti, għat-tul tal-perijodu li fih l-Istudent jibqa' rreġistrat fil-Kors:

(a) l-Università għandha titlob lill-Istudent Ċertifikat aġġornat u riċenti tal-Kondotta tal-Pulizija u l-Istudent għandu jkun obbligat li jipprovdi dan lill-Università sad-data tal-iskadenza indikata; u

(b) l-Università għandha tagħmel applikazzjoni biex tiċċekkja r-Reġistru miżmum mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u tat-Tribunali tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' Malta skont l-artikolu 2 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri.

(2) Fil-każijiet fejn, wara l-għoti ta' din l-informazzjoni mill-Istudent kif speċifikat fis-sotto-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, l-Università tiġi mgħarrfa b'xi fatti ġodda fir-rigward taċ-Ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija tal-Istudent, jew bir-reġistrazzjoni tal-Istudent fir-rigward tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, ir-Reġistratur għandu jirreferi l-każ lir-Rettur li għandu jittrattah bl-istess

VERŻJONI ELETTRONIKA

manjiera stabbilita f'dawn ir-regolamenti għall-finijiet tal-ipproċessar ta' Ilment, u d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għalih *mutatis mutandis*.

Il-Poter tal-Panil f'Każijiet Urġenti

12. Il-Panil jista', f'każijiet fejn ir-Rettur iqis urġenti, iqassar jew ineħħi xi perijodu ta' żmien jew formalità prevista f'dawn ir-regolamenti, sakemm ikun żgurat li l-Istudent ikkonċernat jingħata smigħ xieraq minkejja dan it-tqassir jew it-tneħħija.

Ir-Riferenza lis-Senat

13. Meta r-rapport tal-Panil jirrakkomanda lir-Rettur Tkeċċija tal-Istudent mill-Università, qabel ma tittieħed din l-azzjoni, ir-Rettur għandu jirreferi ir-rapport lis-Senat għal deċiżjoni finali.

Il-Kunfidenzjalità

14. (1) L-Università għandha tindirizza l-kwistjonijiet kollha relatati mal-Istudenti skkont dawn ir-regolamenti bl-attenzjoni dovuta, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunfidenzjalità meħtieġa fir-rigward ta' informazzjoni personali sensittiva u informazzjoni oħra ta' natura kunfidenzjali li jappartjenu lill-Istudent u partijiet terzi oħra, u għandha tiżgura li l-informazzjoni kollha bħal din tiġi ttrattata u miżmuna kif xieraq.

(2) Id-dokumentazzjoni relatata mal-proċedimenti, mill-punt tad-deċiżjoni li l-każ jiġi riferut lill-Panil, għandha tkun kunfidenzjali għall-membri tal-Panil, għad-Dekan u għall-membri tal-Università involuti. Apparti mill-Ilment u d-deċiżjoni finali rigward l-Istudent, l-ebda dokument ieħor relatat ma xi proċedimenti oħra skont dawn ir-regolamenti m'għandhom jiġu rreġistrati fil-fajl tal-Istudent. Dokumenti oħra għandhom jitqiegħdu ġewwa fajl ippreparat għall-laqgħat tal-Panil u għandu jinżamm fl-uffiċju tar-Reġistratur. Kull dokumentazzjoni oħra miżmuma mill-membri tal-Panil għandha tiġi ritornata fl-aħħar tal-proċess liċ-*Chairperson* u l-kopji żejda għandhom jinqerdu b'mod kunfidenzjali.

(3) Filwaqt li l-kwistjonijiet kollha għandhom jiġu ttrattati b'mod konfidenzjali skont dan ir-regolament, jista' madankollu jkun meħtieġ li ċerta informazzjoni relatata tkun mgħarrfa lil xi parti jew partijiet terzi, inkluż, iżda mhux limitata għal dawn li ġejjin:

(a) fil-każ ta' impożizzjoni ta' programm ta' *"follow-up"* skont ir-regolament 10 (ċ); u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) minkejja li d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjonijiet tal-Panil m'għandhiex tkun ġeneralment użata għal riferenzi mitluba minn min jista' jħaddem, l-informazzjoni dwar Student (jew dwar xi ħadd li kien Student) li jinstab li mhux adattat għall-prattika normalment għandha tkun disponibbli għal min iħaddem jekk isaqsu għaliha; sakemm li l-persuna li timpjega li tagħmel it-talba, titlob din l-informazzjoni fir-rigward tal-offerta ta' impjieg għall-Istudent (jew għal xi ħadd li kien Student fil-passat) fl-istess qasam tal-Professjoni speċifika fejn l-Istudent instab li mhux addattat għall-prattika skont dawn ir-regolamenti. Din l-informazzjoni għandha normalment tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet xierqa fuq it-talba tagħhom, skont kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli li tobbliga lill-Università biex tinfurmahom b'dan.

(4) Fil-każijiet kollha fejn ir-reġistrazzjoni tal-Istudent f'Kors tkun ġiet mitmuma, ir-Reġistratur għandu d-dmir li jinforma lill-Awtorità Kompetenti rilevanti dwar dan.